DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/2444

tas-17 ta' Diċembru 2015

li tistabbilixxi r-rekwiżiti standard għas-sottomissjoni tal-programmi nazzjonali għall-eradikazzjoni, għall-kontroll u għas-sorveljanza tal-mard tal-annimali u taż-żoonożi għall-finanzjament mill-Unjoni u li tirrevoka d-Deċiżjoni 2008/425/KE

(notifikata bid-dokument C(2015) 9192)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 652/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet għall-ġestjoni tan-nefqa marbuta mal-katina alimentari, mas-saħħa tal-annimali u mat-trattament xieraq tal-annimali, u marbuta mas-saħħa tal-pjanti u mal-materjal riproduttiv tal-pjanti, li jemenda d-Direttivi tal-Kunsill 98/56/KE, 2000/29/KE u 2008/90/KE, ir-Regolamenti (KE) Nru 178/2002, (KE) Nru 882/2004 u (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttiva 2009/128/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 66/399/KEE, 76/894/KEE u 2009/470/KE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 36(5) tiegħu.

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) Nru 652/2014 jistabbilixxi, fost l-oħrajn, dispożizzjonijiet għall-ġestjoni tan-nefqa marbuta mal-katina alimentari u mas-saħħa tal-annimali u r-rekwiżiti għas-sottomissjoni u għall-kontenut tal-programmi nazzjonali għall-eradikazzjoni, il-kontroll u s-sorveljanza tal-mard tal-annimali u taż-żoonożi.

(2) L-Artikolu 12(1) tar-Regolament (UE) Nru 652/2014 jistipula li kull sena, sa mhux iktar tard mill-31 ta' Mejju, l-Istati Membri għandhom jissotomettu lill-Kummissjoni l-programmi nazzjonali li jibdew fis-sena ta' wara, u li jixtiequ japplikaw għal għotja għalihom.

(3) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/425/KE ([2]) tipprovdi li l-Istati Membri li jitolbu kontribuzzjoni finanzjarja mill-Unjoni għall-programmi nazzjonali għall-eradikazzjoni, għas-sorveljanza u għall-kontroll ta' ċertu mard tal-annimali, iridu jissottomettu applikazzjonijiet li jkun fihom ċerta informazzjoni minima mniżżla fl-Annessi I sa V ta' din id-Deċiżjoni.

(4) Wara l-adozzjoni tar-Regolament (UE) Nru 652/2014, ir-rekwiżiti standard għall-kontenut u għas-sottomissjoni mill-Istati Membri tal-programmi nazzjonali kif definit fl-Artikolu 9 ta' dak ir-Regolament għandhom jiġu riveduti sabiex jikkonformaw bis-sħiħ mar-rekwiżiti tal-Artikolu 12 ta' dak ir-Regolament.

(5) Barra minn hekk, ir-rekwiżiti standard għall-kontenut u għas-sottomissjoni mill-Istati Membri tal-programmi nazzjonali kif iddefinit fl-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) Nru 652/2014, għandhom jikkonformaw mal-kriterji għall-programmi nazzjonali għall-eradikazzjoni, għall-kontroll u għas-sorveljanza stabbiliti bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/341/KE ([3]).

(6) Għall-konformità mal-evoluzzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, il-mudelli elettroniċi standard mogħtija online fuq il-websajt tal-Kummissjoni għandhom jintużaw għal ċertu mard sabiex il-modifiki neċessarji jkunu jistgħu jsiru faċilment jew biex ikunu jistgħu jiġu inklużi aktar dettalji. Il-Kummissjoni se tinforma lill-Istati Membri u se tiddiskuti magħhom il-modifiki kollha meħtieġa tal-mudelli elettroniċi standard fil-qafas tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf. Il-mudelli elettroniċi standard riveduti se jintbagħtu lill-Istati Membri kollha mhux aktar tard minn kmieni f'Marzu tas-sena konċernata.

([1]) ĠU L 189, 27.6.2014, p. 1.

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/425/KE tal-25 ta' April 2008 li tistabbilixxi rekwiżiti standard biex l-Istati Membri jissottomettu programm nazzjonali għall-qerda, il-kontroll u l-monitoraġġ ta' ċertu mard u żoonożi fl-annimali għal finanzjament Komunitarju (ĠU L 159, 18.6.2008, p. 1).

([3]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/341/KE tal-25 ta' April 2008 li tistabbilixxi l-kriterji Komunitarji għal programmi nazzjonali għall-qerda, il-kontroll u l-monitoraġġ ta' ċertu mard tal-annimali u żoonożi (ĠU L 115, 29.4.2008, p. 44.).

(7) Għal mard ieħor mhux inkluż fil-mudelli elettroniċi standard u għall-mard tal-akkwakultura, l-użu tal-formoli standard mhux elettroniċi jitqies bħala l-għodda xierqa għas-sottomissjonijiet tal-programmi nazzjonali, minħabba l-għadd żgħir ta' sottomissjonijiet li saru f'dawn l-aħħar snin, li ma jiġġustifikax l-iżvilupp ta' mudelli elettroniċi speċifiċi.

(8) Għaldaqstant, għaċ-ċarezza, id-Deċiżjoni 2008/425/KE għandha titħassar u tinbidel b'din id-Deċiżjoni.

(9) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Minbarra l-kontenut stabbilit fl-Artikolu 12(2) tar- Regolament (UE) Nru 652/2014, il-programmi nazzjonali għandu jkun fihom l-informazzjoni mogħtija fl-Annessi ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-programmi nazzjonali stabbiliti fl-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) Nru 652/2014 għandhom jiġu ppreżentati b'mod elettroniku bl-użu tal-mudelli elettroniċi standard korrispondenti indikati fl-Annessi I sa IV ta' din id-Deċiżjoni, jew bil-posta bl-użu tal-mudelli standard korrispondenti stabbiliti fl-Anness V ta' din id-Deċiżjoni għall-mard li mhux inkluż fil-mudelli elettroniċi u fl-Anness VI ta' din id-Deċiżjoni għall-mard tal-akkwakultura

Artikolu 3

Id-Deċiżjoni 2008/425/KE hija mħassra.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika għas-sottomissjonijiet tal-programmi nazzjonali għall-eradikazzjoni, għall-kontroll u għas-sorveljanza tal-2017 u tas-snin ta' wara

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Diċembru 2015.

Għall-Kummissjoni
Vytenis ANDRIUKAITIS
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS I

Il-mudell PDF speċifiku li għandu jintuża għas-sottomissjoni tal-programmi nazzjonali għall-mardiet tal-annimali elenkati hawn taħt, huwa disponibbli fuq il-paġna web ta' DĠ SANTE:

http://ec.europa.eu/dgs/health_food-safety/funding/cff/animal_health/vet_progs_en.htm]

L-Anness I.a: għar-rabja

L-Anness I.b: għat-tuberkuloži bovina, għall-bruċelloži bovina u għall-bruċelloži ovina u kaprina (B. melitensis)

L-Anness I.c: għad-deni klassiku tal-ħnieżer, għad-deni Afrikan tal-ħnieżer u għall-marda vesikulari tal-ħnieżer

L-Anness I.d: għall-bluetongue.

ANNESS II

Il-mudell PDF speċifiku li għandu jintuża għas-sottomissjoni tal-programmi ta' kontroll tas-*Salmonella,* huwa disponibbli fuq il-paġna web ta' DĠ SANTE:

http://ec.europa.eu/dgs/health_food-safety/funding/cff/animal_health/vet_progs_en.htm]

ANNESS III

Il-mudell PDF speċifiku li għandu jintuża għas-sottomissjoni tal-programmi ta' kontroll tal-Enċefalopatiji Sponġiformi Kontaġġjuži (BSE u scrapie) huwa disponibbli fuq il-paġna web ta' DĠ SANTE:

http://ec.europa.eu/dgs/health_food-safety/funding/cff/animal_health/vet_progs_en.htm]

ANNESS IV

Il-mudell PDF speċifiku li għandu jintuża għas-sottomissjoni tal-programmi ta' sorveljanza għall-influwenza tat-tjur, huwa disponibbli fuq il-paġna web ta' DĠ SANTE:

http://ec.europa.eu/dgs/health_food-safety/funding/cff/animal_health/vet_progs_en.htm]

ANNESS V

Rekwiżiti standard għas-sottomissjoni tal-programmi nazzjonali għall-eradikazzjoni, għall-kontroll jew għas-sorveljanza tal-mard tal-annimali msemmi hawn taħt:

— Antraċe

— Plewropulmonite bovina li tittieħed

— Ekinokokkożi

— Kampilobatterjożi

— Listerjożi

— Trikinellożi

— E. coli verotossinoġiku

1. **Identifikazzjoni tal-programm**

Stat Membru:

Marda/mardiet ([1]):

Tul tal-programm: annwali/pluriennali

Talba għall-kofinanzjament mill-Unjoni għal ([2]):

Referenza ta' dan id-dokument:

Kuntatt (isem, telefown, faks, e-mail):

Data ta' sottomissjoni lill-Kummissjoni:

2. **Deskrizzjoni tas-sitwazzjoni epidemjoloġika tal-marda/żoonożi qabel id-data tal-bidu tal-implimentazzjoni tal-programm u dejta dwar l-evoluzzjoni epidemjoloġika tal-mard(a)** ([3])**:**

3. **Deskrizzjoni tal-programm sottomess** ([4])**:**

4. **Miżuri tal-programm sottomess li jrid jiġi implimentat**

4.1. *Sommarju tal-miżuri fil-programm:*

4.2. *Organizzazzjoni, superviżjoni u rwol tal-partijiet ikkonċernati kollha* ([5]) *involuti fil-programm:*

([1]) Dokument wieħed għal kull marda ħlief jekk il-miżuri kollha tal-programm għall-poplazzjoni fil-mira jintużaw għall-monitoraġġ, il-kontroll u l-eradikazzjoni ta' mardiet differenti.

([2]) Indika s-sena jew is-snin li għalihom qed jintalab il-kofinanzjament.

([3]) Tingħata deskrizzjoni konċiża li tinkludi l-popolazzjoni fil-mira (speċi, l-għadd ta' merħliet u annimali preżenti u fil-programm), il-miżuri ewlenin (teħid ta' kampjuni u reġimi ta' ttestjar, miżuri ta' eradikazzjoni użati, il-kwalifikazzjoni tal-merħliet u tal-annimali, l-iskemi tat-tilqim) u r-riżultati ewlenin (l-inċidenza, il-prevalenza, il-kwalifikazzjoni tal-merħliet u tal-annimali). L-informazzjoni tingħata għal perjodi distinti jekk il-miżuri jkunu ġew modifikati sostanzjalment. L-informazzjoni hija dokumentata permezz tat-tabelli epidemjoloġiċi fil-qosor rilevanti (stipulati fit-Taqsima 6) ikkumplimentati minn graffs jew mapep (għandhom jiġu mehmuża).

([4]) Tingħata deskrizzjoni konċiża tal-programm bl-objettiv(i) ewlieni/ewlenin (monitoraġġ, kontroll, eradikazzjoni, kwalifikazzjoni tal-merħliet u/jew reġjuni, tnaqqis tal-prevalenza u tal-inċidenza), il-miżuri ewlenin (teħid ta' kampjuni u ttestjar ta' reġimi, miżuri ta' eradikazzjoni li għandhom jiġu applikati, kwalifikazzjoni tal-merħliet u tal-annimali, skemi ta' tilqim), il-popolazzjoni tal-annimali fil-mira u l-qasam/l-oqsma ta' implimentazzjoni u d-definizzjoni ta' każ pożittiv.

([5]) Iddeskrivi l-awtoritajiet responsabbli mis-superviżjoni u l-koordinazzjoni tad-dipartimenti responsabbli mill-implimentazzjoni tal-programm u l-operaturi differenti involuti. Iddeskrivi r-responsabbiltajiet tal-partijiet ikkonċernati kollha involuti.

4.3. *Deskrizzjoni u demarkazzjoni taż-żoni ġeografiċi u amministrattivi li fihom għandu jiġi implimentat il-programm* ([1])*:*

4.4. *Il-miri li għandhom jintlaħqu sad-data tat-tlestija tal-programm u l-benefiċċji mistennija minnhom:*

4.5. *L-indikaturi xierqa biex jitkejjel l-ilħiq tal-miri tal-programm:*

4.6. *Deskrizzjoni tal-miżuri tal-programm* ([2])*:*

4.6.1. Notifika tal-marda

4.6.2. Annimali u popolazzjoni tal-annimali fil-mira

4.6.3. Identifikazzjoni tal-annimali u reġistrazzjoni tal-impriżi

4.6.4. Kwalifikazzjonijiet tal-annimali u tal-merħliet ([3])

4.6.5. Regoli dwar il-moviment tal-annimali

4.6.6. Testijiet użati u skemi tat-teħid tal-kampjuni

4.6.7. Vaċċini użati u skemi tat-tilqim

4.6.8. Informazzjoni u evalwazzjoni tal-immaniġjar u tal-infrastruttura tal-impriżi involuti f'dak li għandu x'jaqsam mal-miżuri tal-bijosigurtà

4.6.9. Miżuri f'każ ta' riżultat pożittiv ([4])

4.6.10. Skema ta' kumpens għas-sidien ta' annimali mbiċċra u maqtula ([5])

4.6.11. Kontroll tal-implimentazzjoni tal-programm u rappurtar ([6])

5. **Riżorsi finanzjarji għall-implimentazzjoni tal-programm:**

Stima tal-baġit u s-sors: pubbliku/privat jew it-tnejn.

([1]) Iddeskrivi l-isem u d-denominazzjoni, il-konfini amministrattivi, u l-erja taż-żoni amministrattivi u ġeografiċi li fihom irid jiġi applikat il-programm. Uri bil-mapep.

([2]) Jeħtieġ tingħata deskrizzjoni komprensiva tal-miżuri kollha sakemm ma ssirx referenza għal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni. Tissemma wkoll il-leġiżlazzjoni nazzjonali li l-miżuri huma stipulati fiha.

([3]) Jissemmew biss jekk applikabbli.

([4]) Tingħata deskrizzjoni tal-miżuri fir-rigward tal-annimali pożittivi (destinazzjoni tal-politika tat-tbiċċir, id-destinazzjoni tal-karkassi, l-użu jew it-trattament tal-prodotti tal-annimali, l-eradikazzjoni tal-prodotti kollha li jistgħu jittrażmettu l-marda jew it-trattament ta' dawk il-prodotti sabiex tkun evitata kwalunkwe kontaminazzjoni possibbli, proċedura għad-diżinfezzjoni ta' impriżi infettati, it-trattament terapewtiku jew preventiv magħżul, proċedura għall-istokkjar mill-ġdid b'annimali b'saħħithom tal-impriżi li ġew depopolati minħabba t-tbiċċir u l-ħolqien ta' żona ta' sorveljanza madwar l-impriża infettata).

([5]) Mhux għal BT.

([6]) Iddeskrivi l-proċess u l-kontroll li se jsir sabiex ikun hemm monitoraġġ tajjeb tal-implimentazzjoni tal-programm.

6. **Dejta dwar l-evoluzzjoni epidemjoloġika matul l-aħħar ħames snin** ([1])

6.1. *Evoluzzjoni tal-marda*

6.1.1. Dejta dwar il-merħliet ([a]) (tabella waħda għal kull sena)

Sena:

Reġjun ([b])	Speċi tal-annimali	Għadd totali ta' merħliet ([c])	Għadd totali ta' merħliet fil-programm	Għadd ta' merħliet iċ-ċekkjati ([d])	Għadd ta' merħliet pożittivi ([e])	Għadd ta' merħliet pożittivi ġodda ([f])	Għadd ta' merħliet depopolati	% tal-merħliet pożittivi depopolati	INDIKATURI		
									% tal-kopertura tal-merħla	% tal-merħliet pożittivi Prevalenza perjodika tal-merħla	% tal-merħliet pożittivi ġodda Inċidenza tal-merħla
1	2	3	4	5	6	7	8	9 = (/) × 100	10= (5/4) × 100	11 = (6/5) × 100	12 = (7/5) × 100
Total											

([a]) Merħliet jew qtajja' jew impriżi kif xieraq.
([b]) Reġjun kif iddefinit fil-programm tal-Istat Membru.
([c]) Għadd totali ta' merħliet li jeżistu fir-reġjun inklużi l-merħliet eliġibbli u mhux eliġibbli għall-programm.
([d]) Verifika tfisser li jsir test fil-livell tal-merħla fil-programm għall-marda rispettiva bil-għan li jinżamm, jew jiġi aġġornat, l-istatus tas-saħħa tal-merħla. F'din il-kolonna, merħla ma għandhiex tingħadd darbtejn anki jekk tkun ġiet iċċekkjata aktar minn darba.
([e]) Merħliet li jkollhom tal-anqas annimal wieħed pożittiv matul il-perjodu indipendentement mill-għadd ta' drabi li l-merħla tkun ġiet iċċekkjata.
([f]) Merħliet li l-istatus tagħhom fil-perjodu ta' qabel kien *Mhux magħruf, Mhux ħieles-negattiv, Ħieles, Uffiċjalment Ħieles* jew *Sospiż* u li jkollhom tal-anqas annimal wieħed li ttestja pożittiv f'dan il-perjodu.

([1]) Id-dejta dwar l-evoluzzjoni tal-marda tingħata skont it-tabelli ta' hawn taħt fejn xieraq.

6.1.2. Dejta dwar l-annimali (tabella waħda għal kull sena)

Sena:

Reġjun [a]	Speċi tal-annimali	Għadd totali ta' annimali [b]	Għadd ta' annimali [d] li jridu jiġu ttestjati fil-programm	Għadd ta' annimali [c] ttestjati	Għadd ta' annimali ttestjati individwalment [d]	Għadd ta' annimali pożittivi	Tbiċċir		INDIKATURI	
							Għadd ta' annimali b'riżultat pożittiv imbiċċra jew maqtula	Għadd totali ta' annimali mbiċċra [e]	% tal-kopertura fil-livell tal-annimali	% tal-annimali pożittivi Prevalenza tal-annimali
1	2	3	4	5	6	7	8	9	10 = (5/4) × 100	11 = (7/5) × 100
Total										

[a] Reġjun kif iddefinit fil-programm tal-Istat Membru.
[b] Għadd totali ta' annimali li jeżistu fir-reġjun inklużi l-merħliet eliġibbli u l-merħliet mhux eliġibbli għall-programm.
[c] Inklużi annimali ttestjati individwalment jew kollettivament.
[d] Inkludi biss l-annimali ttestjati individwalment u tinkludix l-annimali ttestjati b'kampjuni kollettivi.
[e] Inkludi l-annimali pożittivi kollha mbiċċra u wkoll l-annimali negattivi mbiċċra fil-programm.

6.2. *Dejta stratifikata dwar is-sorveljanza u t-testijiet tal-laboratorju*

6.2.1. Dejta stratifikata dwar is-sorveljanza u t-testijiet tal-laboratorju

Sena:

Reġjun [a]	Speċi/kategorija tal-annimali	Tip tat-test [b]	Deskrizzjoni tat-test	Għadd ta' kampjuni ttestjati	Għadd ta' kampjuni pożittivi
Total					

[a] Reġjun kif iddefinit fil-programm tal-Istat Membru.
[b] Indika jekk it-test huwiex seroloġiku, viroloġiku, eċċ.

6.3. *Dejta dwar l-infezzjoni (tabella waħda għal kull sena)*

Sena:

Reġjun [a]	Speċi tal-annimali	Għadd ta' merħliet infettati [b]	Għadd ta' annimali infettati
Total			

[a] Reġjun kif iddefinit fil-programm tal-Istat Membru.
[b] Merħliet jew qtajja' jew impriżi kif xieraq.

6.4. *Dejta fuq l-istatus tal-merħliet fi tmiem kull sena (jekk applikabbli)*

Sena:

Reġjun [a]	Speċi tal-annimali	L-istatus tal-merħliet u tal-annimali fil-programm [b]													
		Għadd totali ta' merħliet u annimali fil-programm		Mhux magħruf [c]		Mhux ħieles jew mhux uffiċjalment ħieles mill-mard				L-istatus Ħieles jew Uffiċjalment Ħieles mill-mard sospiż [f]		Ħieles mill-mard [g]		Uffiċjalment ħieles mill-mard [h]	
						L-aħħar verifika pożittiva [d]		L-aħħar verifika negattiva [e]							
		Merħliet	Annimali [i]	Merħliet	Annimali [i]	Merħliet	Annimali [i]	Merħliet	Annimali [i]	Merħliet	Annimali [i]	Merħliet	Annimali [i]	Merħliet	Annimali [i]
Total															

[a] Reġjun kif iddefinit fil-programm tal-Istat Membru.
[b] Fl-aħħar tas-sena.
[c] Mhux magħruf: Ma jeżistux riżultati ta' verifiki preċedenti.
[d] Mhux ħielsa u l-aħħar verifika pożittiva: Merħla verifikata li kien fiha tal-anqas riżultat wieħed pożittiv fl-aħħar verifika.
[e] Mhux ħielsa u l-aħħar verifika negattiva: Merħla verifikata b'riżultati negattivi fl-aħħar verifika iżda li mhijiex *Ħielsa* jew *Uffiċjalment Ħielsa*.
[f] Sospiża kif iddefinita fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni jew nazzjonali għall-marda rispettiva fi tmiem il-perjodu ta' rappurtar.
[g] Merħla ħielsa kif iddefinita fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni jew fil-leġiżlazzjoni nazzjonali għall-marda rispettiva.
[h] Merħla uffiċjalment ħielsa kif iddefinita fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni jew fil-leġiżlazzjoni nazzjonali għall-marda rispettiva.
[i] Inkludi dawk l-annimali fil-programm li huma fil merħliet bl-istatus imsemmi (kolonna tax-xellug).

6.5. *Dejta dwar il-programmi ta' tilqim jew ta' trattament* ([1])

Sena:

Reġjun ([a])	Speċi tal-annimali	Għadd totali ta' merħliet ([b])	Għadd totali ta' annimali	Informazzjoni dwar il-programm ta' tilqim jew ta' trattament					
				Għadd ta' merħliet fi programm ta' tilqim jew ta' trattament	Għadd ta' merħliet imlaqqma jew trattati	Għadd ta' annimali mlaqqma jew trattati	Għadd ta' dożi tal-vaċċin jew tat-trattament amministrati	Għadd ta' annimali adulti mlaqqma	Għadd ta' annimali mhux adulti mlaqqma
	Total								

([a]) Reġjun kif iddefinit fil-programm tal-Istat Membru.
([b]) Merħliet jew qtajja' jew impriżi kif xieraq.

([1]) Id-dejta tiġi provduta biss jekk saret it-tilqima.

6.6. *Dejta dwar il-fawna selvaġġa* ([1])

6.6.1. Stima tal-popolazzjoni tal-fawna selvaġġa

Sena:

Reġjun ([a])	Speċi tal-annimali	Metodu ta' stima	Stima tal-popolazzjoni
Total			

([a]) Reġjun kif iddefinit fil-programm tal-Istat Membru.

6.6.2. Sorveljanza tal-marda u testijiet oħra fil-fawna selvaġġa(tabella waħda għal kull sena)

Sena:

Reġjun ([a])	Speċi tal-annimali	Tip tat-test ([b])	Deskrizzjoni tat-test	Għadd ta' kampjuni ttestjati	Għadd ta' kampjuni pożittivi
Total					

([a]) Reġjun kif iddefinit fil-programm tal-Istat Membru.
([b]) Indika jekk it-test huwiex seroloġiku, viroloġiku, individwazzjoni tal-bijomarkatur eċċ.

([1]) Id-dejta tingħata biss fil-każ li l-programm ikun fih miżuri fir-rigward tal-fawna selvaġġa jew jekk id-dejta tkun rilevanti epidemjoloġikament għall-marda.

6.6.3. Dejta dwar il-tilqim jew it-trattament tal-fawna selvaġġa

Sena:

Reġjun [a]	Kilometri kwadri	Programm ta' tilqim jew ta' trattament		
		Għadd ta' dożi tal-vaċċin jew tat-trattament li għandhom jiġu amministrati	Għadd ta' kampanji	Għadd totali ta' dożi tal-vaċċin jew tat-trattament amministrati
Total				

[a] Reġjun kif iddefinit fil-programm tal-Istat Membru.

7. **Miri**

7.1. *Miri marbuta mal-ittestjar (tabella waħda għal kull sena ta' implimentazzjoni* [1]*)*

7.1.1. Miri għat-testijiet dijanjostiċi

Reġjun [a]	Tip tat-test [b]	Popolazzjoni fil-mira [c]	Tip ta' kampjun [d]	Objettiv [e]	Għadd ta' testijiet ippjanati
				Total	

[a] Reġjun kif iddefinit fil-programm tal-Istat Membru.
[b] Deskrizzjoni tat-test.
[c] Specifikazzjoni tal-ispeċi fil-mira u l-kategoriji ta' annimali fil-mira.
[d] Deskrizzjoni tal-kampjun.
[e] Deskrizzjoni tal-objettiv (pereżempju kwalifikazzjoni, sorveljanza, konferma tal-każijiet suspettati, monitoraġġ tal-kampanji, serokonverżjoni, kontroll tal-vaċċini mħassra, ittestjar tal-vaċċin, kontroll tat-tilqim, eċċ.).

[1] Għas-snin sussegwenti ta' programmi pluriennali approvati, għandha timtela tabella waħda biss għas-sena rilevanti.

7.1.2. Miri tal-ittestjar fuq merħliet u annimali

7.1.2.1. Miri tal-ittestjar tal-merħliet [a]

Reġjun [b]	Speċi tal-annimali	Għadd totali ta' merħliet [c]	Għadd totali ta' merħliet fil-programm	Għadd ta' merħliet mistennija li jiġu verifikati [d]	Għadd ta' merħliet pożittivi mistennija [e]	Għadd ta' merħliet pożittivi ġodda mistennija [f]	Għadd ta' merħliet li mistennija li jiġu depopolati	% tal-merħliet pożittivi li mistennija li jiġu depopolati	INDIKATURI FIL-MIRA		
									% mistenni tal-kopertura tal-merħla	% merħliet pożittivi Il-prevalenza perjodika mistennija tal-merħla	% merħliet pożittivi ġodda Inċidenza mistennija tal-merħla
1	2	3	4	5	6	7	8	9 = (8/6) × 100	10 = (5/4) × 100	11 = (6/5) × 100	12 = (7/5) × 100
Total											

[a] Merħliet jew qtajja' jew impriżi kif xieraq.
[b] Reġjun kif iddefinit fil-programm tal-Istat Membru.
[c] Għadd totali ta' merħliet li jeżistu fir-reġjun inklużi l-merħliet eliġibbli u mhux eliġibbli għall-programm.
[d] Verifika tfisser li jsir test fil-livell tal-merħla fil-programm għall-marda rispettiva bil-għan li l-istatus tas-saħħa tal-merħla jinżamm, jiġi aġġornat, eċċ. F'din il-kolonna, merħla ma għandhiex tingħadd darbtejn anki jekk tkun ġiet ivverifikata aktar minn darba.
[e] Merħliet li jkollhom tal-anqas annimal wieħed pożittiv matul il-perjodu indipendentement mill-għadd ta' drabi li l-merħla tkun ġiet iċċekkjata.
[f] Merħliet li l-istatus tagħhom matul il-perjodu preċedenti kien *Mhux magħruf, Mhux ħieles — negattiv, Ħieles, Uffiċjalment Ħieles* jew *Sospiż* u jkollhom tal-anqas annimal wieħed pożittiv matul dan il-perjodu.

7.1.2.2. Miri għall-ittestjar tal-annimali

Reġjun [a]	Speċi tal-annimali	Għadd totali ta' annimali [b]	Għadd ta' annimali [c] fil-programm	Għadd ta' annimali [c] li mistennija li jiġu ttestjati	Għadd ta' annimali li għandhom jiġu ttestjati individwalment [d]	Għadd ta' annimali pożittivi mistennija	Tbiċċir		INDIKATURI FIL-MIRA	
							Għadd ta' annimali ttestjati pożittivi mistennija li jkunu mbiċċra jew maqtula	Għadd totali ta' annimali mistennija li jiġu mbiċċra [e]	% tal-kopertura fil-livell tal-annimali	% ta' annimali pożittivi (Prevalenza tal-annimali mistennija)
1	2	3	4	5	6	7	8	9	10 = (5/4) × 100	11 = (7/5) × 100

[a] Reġjun kif iddefinit fil-programm tal-Istat Membru.
[b] Għadd totali ta' annimali li jeżistu fir-reġjun inklużi l-merħliet eliġibbli u l-merħliet mhux eliġibbli għall-programm.
[c] Inklużi annimali ttestjati individwalment jew kollettivament.
[d] Inkludi biss l-annimali ttestjati individwalment u tinkludix annimali ttestjati f'kampjuni kollettivi.
[e] Inkludi l-annimali pożittivi kollha mbiċċra u wkoll l-annimali negattivi mbiċċra fil-programm.

7.2. *Miri għall-kwalifikazzjoni ta' merħliet u annimali (tabella waħda għal kull sena ta' implimentazzjoni) jekk applikabbli.*

Reġjun [a]	Speċi tal-annimali	Għadd totali ta' merħliet u annimali fil-programm		Miri dwar l-istatus tal-merħliet u tal-annimali fil-programm [b]											
				Mistenni li ma jkunx magħruf [c]		Mistenni li ma jkunx ħieles jew uffiċjalment ħieles mill-mard				Mistenni li l-istatus ħieles jew uffiċjalment ħieles mill-mard ikun sospiż [f]		Mistenni li jkun ħieles mill-mard [g]		Mistenni li jkun uffiċjalment ħieles mill-mard [h]	
						L-aħħar verifika pożittiva [d]		L-aħħar verifika negattiva [e]							
		Merħliet	Annimali [i]	Merħliet	Annimali [i]	Merħliet	Annimali [i]	Merħliet	Annimali [i]	Merħliet	Annimali [i]	Merħliet	Annimali [i]	Merħliet	Annimali [i]
Total															

[a] Reġjun kif iddefinit fil-programm tal-Istat Membru.
[b] Fl-aħħar tas-sena.
[c] Mhux magħruf: Ma jeżistux riżultati ta' verifiki preċedenti.
[d] Mhux ħielsa u l-aħħar verifika pożittiva: Merħla verifikata li kien fiha tal-anqas riżultat wieħed pożittiv fl-aħħar verifika.
[e] Mhux ħielsa u l-aħħar verifika negattiva: Merħla verifikata b'riżultati negattivi fl-aħħar verifika iżda li mhijiex *Ħielsa* jew *Uffiċjalment Ħielsa*.
[f] Sospiża kif iddefinit għall-marda rispettiva fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni jew f'dik nazzjonali fejn xieraq jew skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali.
[g] Merħla ħielsa kif iddefinit għall-marda rispettiva fejn xieraq fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni jew f'dik nazzjonali fejn xieraq jew skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali.
[h] Merħla uffiċjalment ħielsa kif iddefinit għall-marda rispettiva fejn xieraq fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni jew f'dik nazzjonali jew skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali.
[i] Inkludi dawk l-annimali fil-programm li huma fil merħliet bl-istatus imsemmi (kolonna tax-xellug).

7.3. *Miri għat-tilqim jew għat-trattament (tabella waħda għal kull sena ta' implimentazzjoni)*

7.3.1. Miri għat-tilqim jew għat-trattament [1]

Reġjun [a]	Speċi tal-annimali	L-għadd totali ta' merħliet [b] fi programm ta' tilqim jew ta' trattament	Għadd totali ta' annimali fi programm ta' tilqim jew ta' trattament	Miri tal-programm ta' tilqim jew ta' trattament					
				Għadd ta' merħliet [b] fi programm ta' tilqim jew ta' trattament	Għadd ta' merħliet [b] li mistennija li jiġu mlaqqma jew trattati	Għadd ta' annimali mistennija li jiġu mlaqqma jew trattati	Għadd ta' dożi tal-vaċċin jew tat-trattament li mistennija li jiġu amministrati	Għadd ta' annimali adulti li mistennija li jiġu mlaqqma	Għadd ta' annimali mhux adulti li mistennija li jiġu mlaqqma
	Total								

[a] Reġjun kif iddefinit fil-programm tal-Istat Membru.
[b] Merħliet jew qtajja' jew impriżi kif xieraq.

[1] Id-dejta tiġi provduta biss jekk xieraq.

7.3.2. Miri għat-tilqim jew it-trattament ([1]) ta' fawna selvaġġa

Reġjun ([a])	Speċi tal-annimali	Kilometri kwadri	Miri tal-programm ta' tilqim jew ta' trattament		
			Għadd ta' dożi ta' vaċċin jew ta' trattamenti li mistennija li jiġu amministrati fil-kampanja	Għadd mistenni ta' kampanji	Għadd totali ta' dożi tal-vaċċin jew tat-trattament li mistennija li jiġu amministrati
	Total				

([a]) Reġjun kif iddefinit fil-programm tal-Istat Membru.

8. **Analiżi dettaljata tal-ispiża tal-programm (tabella waħda għal kull sena ta' implimentazzjoni)**

Spejjeż marbuta ma'	Speċifikazzjoni	Għadd ta' unitajiet	Spiża unitarja f'EUR	Ammont totali f'EUR	Finanzjament tal-Unjoni mitlub (iva/le)
1. **Ittestjar**					
1.1. Spiża tat-teħid tal-kampjuni					
	Annimali domestiċi				
1.2. Spiża tal-analiżi	Testijiet batterjoloġiċi (kultivazzjoni) fil-qafas tat-teħid tal-kampjuni uffiċjali				
	Serotipar tal-iżolati rilevanti				

([1]) Id-dejta tiġi provduta biss jekk xieraq.

Spejjeż marbuta ma'	Speċifikazzjoni	Għadd ta' unitajiet	Spiża unitarja f'EUR	Ammont totali f'EUR	Finanzjament tal-Unjoni mitlub (iva/le)
	Test batterjoloġiku biex jivverifika l-effiċjenza tad-diżinfezzjoni tal-bini wara d-depopulazzjoni ta' qatgħa li tittestja pożittiv għas-Salmonella				
	Test għad-detezzjoni tal-antimikrobi jew tal-effett inibitorju tal-formazzjoni tal-batterji fit-tessuti minn annimali minn qtajja'/merħliet ittestjati għas-Salmonella				
	Ieħor (jekk jogħġbok speċifika)				
2. **Tilqim**	(Jekk jiġi mitlub kofinanzjament għax-xiri tal-vaċċini, it-Taqsimiet 6.4 u 7.2 jeħtieġu jimtlew ukoll jekk il-politika dwar it-tilqim tkun parti mill-programm tiegħek)				
2.1. Xiri ta' dożi tal-vaċċin	Għadd ta' dożi tal-vaċċin				
3. **Tbiċċir u qerda**					
3.1. Kumpens għall-annimali	Kumpens għall-annimali				
3.2. Spejjeż tat-trasport					

Spejjeż marbuta ma'	Speċifikazzjoni	Għadd ta' unitajiet	Spiża unitarja f'EUR	Ammont totali f'EUR	Finanzjament tal-Unjoni mitlub (iva/le)
3.3. Spejjeż tal-qerda					
3.4. Telf fil-każ tat-tbiċċir					
3.5. Spejjeż mit-trattament tal-prodotti tal-annimali (bajd, bajd għat-tfaqqis, eċċ.)	Spejjeż mit-trattament tal-prodotti tal-annimali (bajd, bajd għat-tfaqqis, eċċ.				
4. **Tindif u diżinfezzjoni**					
5. **Salarji (persunal fuq kuntratt għall-programm biss)**	Salarji				
	Ieħor (jekk jogħġbok speċifika)				
6. **Oġġetti ta' konsum u tagħmir speċifiku**					

Spejjeż marbuta ma'	Speċifikazzjoni	Għadd ta' unitajiet	Spiża unitarja f'EUR	Ammont totali f'EUR	Finanzjament tal-Unjoni mitlub (iva/le)
7. **Spejjeż oħra**					
			Total		

ANNESS VI

Rekwiżiti standard għas-sottomissjoni tal-programmi nazzjonali għall-eradikazzjoni tal-mard tal-annimali tal-akkwakultura msemmija hawn taħt:

— Settiċemija emorraġika virali (VHS)

— Nekrożi ematopojetika infettiva (IHN)

— Virus erpetiku tal-karpjun koi (KHV)

— Anemija infettiva tas-salamun (ISA)

— Infezzjoni bil-Marteilia refringens

— Infezzjoni bil-Bonamia ostreae

— Marda tal-ponot bojod fil-krustaċji

Rekwiżiti/informazzjoni meħtieġa		Informazzjoni/spjegazzjoni u ġustifikazzjoni oħra
1.	**Identifikazzjoni tal-programm**	
1.1.	L-Istat Membru Dikjaranti	
1.2.	L-Awtorità kompetenti (indirizz, faks, posta elettronika)	
1.3.	Ir-referenza ta' dan id-dokument	
1.4.	Id-data tas-sottomissjoni lill-Kummissjoni	
2.	**Tip ta' komunikazzjoni**	
2.1.	☐ Applikazzjoni għal programm ta' eradikazzjoni	
3.	**Il-leġiżlazzjoni nazzjonali** [1]	
4.	**Talbiet għall-kofinanzjament**	
4.1.	Indika s-sena jew is-snin li għalihom qed jintalab il-kofinanzjament	
4.2.	Ftehim tal-awtorità maniġerjali tal-programm operazzjonali (firma u timbru)	
5.	**Mard**	
5.1.	Ħut	☐ VHS ☐ IHN ☐ ISAV ☐ KHV
5.2.	Molluski	☐ *Marteilia refringens* ☐ *Bonamia ostreae*

Rekwiżiti/informazzjoni meħtieġa		Informazzjoni/spjegazzjoni u ġustifikazzjoni oħra
5.3.	Krustaċji	☐ Marda tal-ponot bojod
6.	**Informazzjoni ġenerali dwar il-programmi**	
6.1.	Awtorità kompetenti ([2])	
6.2.	Organizzazzjoni, superviżjoni tal-partijiet ikkonċernati kollha involuti fil-programm ([3])	
6.3.	Deskrizzjoni tal-istruttura tal-industrija tal-akkwakultura fiż-żona kkonċernata inklużi t-tipi ta' produzzjoni, l-ispeċi miżmuma, eċċ.	
6.4.	Minn meta saret obbligatorja n-notifika lill-awtorità kompetenti dwar is-suspett u l-konferma tal-marda/mardiet inkwistjoni?	
6.5.	Minn meta kie hemm sistema ta' detezzjoni bikrija fl-Istati Membri, biex biha l-awtorità tkun tista' twettaq investigazzjoni effettiva u tirrapporta dwar il-mard ([4])?	
6.6.	Sors ta' annimali tal-akkwakultura ta' speċi suxxettibbli għall-marda kkonċernata li jidħlu fl-Istat Membru, fiż-żona jew fil-kompartimenti għall-akkwakultura.	
6.7.	Linji gwida dwar prattika tajba ta' iġjene ([5])	
6.8.	Is-sitwazzjoni epidemjoloġika tal-marda matul mill-anqas l-erba' snin qabel il-bidu tal-programm ([6])	
6.9.	L-ispejjeż stmati u l-benefiċċji antiċipati tal-programm ([7])	
6.10.	Deskrizzjoni tal-programm sottomess ([8])	
6.11.	Tul tal-programm	

Rekwiżiti/informazzjoni meħtieġa		Informazzjoni/spjegazzjoni u ġustifikazzjoni oħra
7.	**Erja koperta** (9)	
7.1.	☐ Stat Membru	
7.2.	☐ Żona (il-baċir tal-iskular sħiħ) (10)	
7.3.	☐ Żona (parti mill-baċir tal-iskular) (11) Identifika u ddeskrivi l-ilqugħ artifiċjali jew naturali li jillimita ż-żona u ġġustifika għaliex dan ma jħallix li ssir migrazzjoni 'l fuq tal-annimali akkwatiċi mill-wesgħat ta' isfel tal-baċir tal-iskular.	
7.4.	☐ Żona (aktar minn baċir tal-iskular wieħed) (12)	
7.5.	☐ Kompartiment dipendenti mill-istatus tas-saħħa tal-madwar (13)	
	Identifika u ddeskrivi l-provvista ta' ilma għal kull impriża (14)	☐ Bir, spiera jew nixxiegħa ☐ Impjant għat-trattament tal-ilma li jinattiva l-patoġenu rilevanti (15)
	Identifika u ddeskrivi għal kull impriża, l-ilqugħ naturali jew artifiċjali u ġġustifika għaliex dan ma jħallix lill-annimali akkwatiċi jidħlu f'kull impriża f'kompartiment mill-kanali tal-ilma fil-madwar.	
	Identifika u ddeskrivi, għal kull impriża, il-protezzjoni kontra l-għargħar u l-infiltrazzjoni tal-ilma mill-madwar	
7.6.	☐ Kompartiment dipendenti mill-istatus tas-saħħa tal-madwar (16)	
	☐ Unità epidemjoloġika waħda minħabba l-lokalizzazzjoni ġeografika u d-distanza minn impriżi/postijiet ta' tkabbir oħra (17)	
	☐ L-impriżi kollha li jiffurmaw il-kompartiment jaqgħu taħt sistema komuni ta' bijosigurtà (18)	
	☐ Kull rekwiżit addizzjonali (19)	

	Rekwiżiti/informazzjoni meħtieġa	Informazzjoni/spjegazzjoni u ġustifikazzjoni oħra
7.7.	Impriżi jew postijiet ta' tkabbir tal-molluski koperti mill-programm (numri ta' reġistrazzjoni u sitwazzjoni ġeografika)	
8.	**Miżuri tal-programm sottomess**	
8.1.	Sommarju tal-miżuri fil-programm	
	L-ewwel sena ☐ Ittestjar ☐ Ħsad għall-konsum mill-bniedem jew għal aktar ipproċessar ☐ Immedjat ☐ Ittardjat ☐ Tneħħija u rimi ☐ Immedjat ☐ Ittardjat ☐ Tilqim ☐ Miżuri oħra (speċifika)	L-aħħar sena ☐ Ittestjar ☐ Ħsad għall-konsum mill-bniedem jew għal aktar ipproċessar ☐ Immedjat ☐ Ittardjat ☐ Tneħħija u rimi ☐ Immedjat ☐ Ittardjat ☐ Miżuri oħra (speċifika)
8.2.	Deskrizzjoni tal-miżuri tal-programm ([20])	
	Popolazzjoni/speċi immirati	
	Testijiet użati u skemi tat-teħid tal-kampjuni. Laboratorji involuti fil-programm ([21])	
	Regoli dwar il-movimenti tal-annimali	
	Vaċċini użati u skemi tat-tilqim	
	Miżuri f'każ ta' riżultat pożittiv ([22])	

Rekwiżiti/informazzjoni meħtieġa		Informazzjoni/spjegazzjoni u ġustifikazzjoni oħra
	Skema ta' kumpens għas-sidien	
	Kontroll u superviżjoni għall-implimentazzjoni tal-programm u rappurtar	

([1]) Leġiżlazzjoni nazzjonali fis-seħħ applikabbli għall-applikazzjoni tal-programm ta' eradikazzjoni.
([2]) Għandha tingħata deskrizzjoni tal-istruttura, tal-kompetenzi, tad-dmirijiet u tas-setgħat tal-awtorità kompetenti jew tal-awtoritajiet kompetenti involuti.
([3]) Għandha tingħata deskrizzjoni tal-awtoritajiet responsabbli mis-superviżjoni u mill-koordinazzjoni tal-programm u l-operaturi differenti involuti.
([4]) Is-sistemi ta' detezzjoni bikrija għandhom jassiguraw b'mod partikolari r-rikonoxximent malajr ta' kull sinjal kliniku konsistenti mas-suspett ta' xi marda, marda emerġenti, jew mortalità inspjegabbli fl-impriżi jew fiż-żoni tat-tkabbir tal-molluski, u fis-selvaġġ, u l-komunikazzjoni rapida tal-avveniment lill-awtorità kompetenti bil-għan li tiġi attivata investigazzjoni dijanjostika bl-inqas dewmien. Is-sistema ta' skoperta bikrija għandha tinkludi mill-anqas dan li ġej:
(a) għarfien wiesa', fost il-persunal impjegat fin-negozju tal-akkwakultura jew li jkun involut fl-ipproċessar tal-annimali tal-akkwakultura, ta' kull sinjal konsistenti mal-preżenza ta' xi marda u t-taħriġ ta' veterinarji jew ta' speċjalisti tas-saħħa ta' annimali akkwatiċi fid-detezzjoni u r-rapportaġġ ta' okkorrenza ta' mard mhux tas-soltu;
(b) veterinarji jew speċjalisti tas-saħħa tal-annimali akkwatiċi mħarrġa biex jagħrfu u jirrappurtaw okkorrenza ta' mard suspettuż;
(c) aċċess mill-awtorità kompetenti għall-laboratorji bil-faċilitajiet ta' dijanjożi u differenzjar ta' mardiet elenkati u emerġenti.
([5]) Għandha tingħata deskrizzjoni skont l-Artikolu 9 tad-Direttiva 2006/88/KE tal-24 ta' Ottubru 2006 dwar il-ħtiġiet tas-saħħa tal-annimali għall-annimali ta' l-akkwakultura u l-prodotti tagħhom, u dwar il-prevenzjoni u l-kontroll ta' ċertu mard f'annimali akkwatiċi (ĠU L 328, 24.11.2006, p. 14).
([6]) Għandha tingħata informazzjoni permezz tat-tabella stipulata fil-Parti 9 tal-Anness VI ta' din id-Deċiżjoni.
([7]) Għandha tingħata deskrizzjoni tal-benefiċċji għall-pixxikulturi u għas-soċjetà inġenerali.
([8]) Għandha tingħata deskrizzjoni konċiża tal-programm bl-għanijiet ewlenin, il-miżuri ewlenin, il-popolazzjoni fil-mira, l-oqsma ta' implimentazzjoni u d-definizzjoni ta' każ pożittiv.
([9]) Iż-żona koperta għandha tkun identifikata sew u deskritta f'xi mappa, li għandha tiġi mehmuża bħala Anness mal-applikazzjoni.
([10]) Baċir tal-iskular sħiħ mis-sorsi tiegħu sal-estwarju.
([11]) Parti minn baċir tal-iskular mis-sors(i) sa lqugħ naturali jew artifiċjali li jwaqqaf il-migrazzjoni 'l fuq tal-annimali akkwatiċi mill-wesgħat aktar baxxi tal-baċir tal-iskular.
([12]) Aktar minn baċir tal-iskular wieħed, inkluż l-estwarji tiegħu, minħabba r-rabta epidemjoloġika bejn il-baċiri tal-iskular mill-estwarji.
([13]) Kumpartimenti magħmula minn impriża jew żona tat-tkabbir tal-molluski waħda jew aktar fejn l-istatus tas-saħħa li jirrigwarda marda speċifika hu indipendenti mill-istatus tas-saħħa li jirrigwarda dik il-marda tal-ilmijiet naturali tal-madwar.
([14]) Kompartiment li jkun indipendenti mill-istatus tas-saħħa tal-ilmijiet tal-madwar, għandu jkun ipprovdut bl-ilma:
(a) permezz ta' impjant tat-trattament tal-ilma li jinattiva l-patoġenu rilevanti biex jitnaqqas ir-riskju li l-marda tidħol f'livell aċċettabbli; jew
(b) direttament minn bir, spiera jew nixxiegħa. Fejn din il-provvista ta' ilma tkun tinsab 'il barra mill-bini tal-impriża, l-ilma għandu jkun ipprovdut direttament lill-impriża permezz ta' pajp.
([15]) Għandha tingħata informazzjoni teknika biex turi li l-patoġenu rilevanti hu inattivat sabiex inaqqas ir-riskju tal-introduzzjoni tal-marda għal livell aċċettabbli.
([16]) Kumpartimenti li jkun fihom impriża jew żona tat-tkabbir tal-molluski waħda jew aktar fejn l-istatus tas-saħħa li jirrigwarda xi marda speċifika jkun dipendenti fuq l-istatus tas-saħħa li jirrigwarda dik il-marda tal-ilmijiet naturali tal-madwar.
([17]) Għandha tingħata deskrizzjoni tal-lokalizzazzjoni ġeografika u d-distanza mill-impriżi l-oħra/żoni ta' tkabbir l-oħra biex ikunu possibbli li l-kumpartiment jitqies bħala unità epidemjoloġika waħda.
([18]) Għandha tingħata deskrizzjoni tas-sistema ta' bijosigurtà komuni.
([19]) Kull impriża jew żona tat-tkabbir tal-molluski f'xi kumpartiment li hu dipendenti fuq l-istatus tas-saħħa tal-ilmijiet tal-madwar għandu jkun soġġett għal miżuri addizzjonali imposti mill-awtorità kompetenti, meta jitqies meħtieġ biex iżomm milli jidħol il-mard. Dawk il-miżuri jistgħu jinkludu t-twaqqif ta' żona ta' lqugħ madwar il-kumpartiment li fih isir programm ta' monitoraġġ, u t-twaqqif ta' protezzjoni addizzjonali kontra l-intrużjoni ta' trasportaturi jew vetturi tal-patoġeni li jista' jkun hemm.
([20]) Għandha tingħata deskrizzjoni komprensiva sakemm ma ssirx referenza għal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni. Il-leġiżlazzjoni nazzjonali li fiha l-miżuri huma stipulati għandha tissemma.
([21]) Iddeskrivi l-metodi dijanjostiċi u l-iskemi kampjunarji. Meta jiġu applikati standards tal-OIE jew tal-UE, irreferi għalihom. Jekk le, iddeskrivihom. Semmi l-laboratorji involuti fil-programm (Laboratorju Nazzjonali ta' Referenza jew laboratorji maħtura).
([22]) Tingħata deskrizzjoni tal-miżuri fir-rigward tal-annimali pożittivi (ħsad immedjat ittardjat għall-konsum uman, tneħħija u rimi immedjat jew ittardjat, miżuri biex tkun evitata l-firxa tal-patoġenu meta jsir il-ħsad, aktar ipproċessar jew tneħħija u rimi, proċedura għad-diżinfezzjoni tal-impriżi infettati jew żoni tat-tkabbir tal-molluski infettati, proċedura għall-istokkjar mill-ġdid b'annimali b'saħħithom f'impriżi jew f'żoni tat-tkabbir li ġew depopolati u l-ħolqien ta' żona ta' sorveljanza madwar l-impriża infettat jew iż-żona tat-tkabbir infettata, eċċ.).

9. **Dejta dwar is-sitwazzjoni epidemjoloġika/evoluzzjoni tal-marda fl-aħħar erba' snin (tabella waħda għal kull sena ta' implimentazzjoni)**

9.1. *Dejta dwar l-ittestjar tal-annimali*

Stat Membru, żona jew kompartiment (*)

Marda		Sena							
Impriża jew post tat-tkabbir tal-molluski	Għadd ta' kampjuni	Għadd ta' spezzjonijiet kliniċi	Temperatura tal-ilma waqt it-teħid tal-kampjun/spezzjoni	Speċi waqt it-teħid tal-kampjuni	Speċi li ttieħed kampjun tagħha	Għadd ta' annimali fil-kampjun (total u skont l-ispeċi)	Għadd ta' testijiet	Riżultati pożittivi tal-eżamijiet tal-laboratorju	Riżultati pożittivi tal-ispezzjonijiet kliniċi
					Total				

(*) Stat Membru, żona jew kompartiment kif iddefiniti fil-Punt 7 tal-Anness VI.

9.2. *Dejta dwar l-ittestjar tal-impriżi jew tal-postijiet tat-tkabbir*

Marda		Sena									
									Indikaturi fil-mira		
Stat Membru, żona jew kompartiment [1]	L-għadd totali ta' impriżi jew postijiet tat-tkabbir tal-molluski [2]	Għadd totali ta' impriżi jew postijiet tat-tkabbir tal-molluski fil-programm	L-għadd ta' impriżi jew postijiet tat-tkabbir tal-molluski vverifikati [3]	L-għadd ta' impriżi jew postijiet tat-tkabbir tal-molluski pożittivi [4]	L-għadd ta' impriżi jew postijiet tat-tkabbir tal-molluski ġodda pożittivi [5]	L-għadd ta' impriżi jew postijiet tat-tkabbir tal-molluski depopulati	% tal-impriżi jew tal-postijiet tat-tkabbir tal-molluski depopulati	Annimali mneħħija u mormija [6]	% tal-kopertura tal-impriżi jew tal-postijiet tat-tkabbir tal-molluski	% tal-impriżi jew tal-postijiet tat-tkabbir tal-molluski pożittivi prevalenza perjodika tal-impriżi jew tal-postijiet tat-tkabbir tal-molluski	% tal-impriżi jew tal-postijiet tat-tkabbir ta' molluski ġodda pożittivi inċidenza tal-impriżi jew tal-postijiet tat-tkabbir tal-molluski
1	2	3	4	5	6	7	8 =	9	10 =	11 = (5/4) × 100	12 = (6/4) × 100
Total											

[1] Stat Membru, żona jew kompartiment kif iddefiniti fil-Punt 7 tal-Anness VI.

[2] L-għadd totali ta' impriżi jew postijiet tat-tkabbir tal-molluski eżistenti fl-Istat Membru, żona jew kompartiment kif iddefinit fil-Punt 7 tal-Anness VI.

[3] Verifika tfisser li jsir test fil-livell tal-impriżi/żona tat-tkabbir tal-molluski fil-programm għall-marda rispettiva bil-għan li jiġi aġġornat l-istatus tas-saħħa tal-impriż/żona tat-tkabbir tal-molluski. F'din il-kolonna impriża/żona tat-tkabbir tal-molluski m'għandhiex tingħadd darbtejn anki jekk tkun ġiet iċċekkjata aktar minn darba.

[4] L-impriżi jew iż-żoni tat-tkabbir tal-molluski li jkollhom tal-anqas annimal wieħed pożittiv matul il-perjodu indipendentament min-numru ta' drabi li jkunu ġew ivverifikati l-impriżi jew iż-żoni tat-tkabbir tal-molluski.

[5] Impriżi jew żoni tat-tkabbir tal-molluski li l-istatus tas-saħħa tagħhom fil-perjodu ta' qabel kien, skont il-Parti A tal-Anness III tad-Direttiva 2006/88/KE, il-kategorija I, il-kategorija II, il-kategorija III jew il-kategorija IV u li jkollhom talanqas annimal wieħed pożittiv f'dan il-perjodu.

[6] Annimali × 1 000 jew piż totali tal-annimali mneħħija u mormija.

10. **Miri (tabella waħda għal kull sena ta' implimentazzjoni)**

10.1. *Miri marbuta mal-ittestjar tal-annimali*

Stat Membru, żona jew kompartiment (*)

Marda		Sena					
Impriża jew post tat-tkabbir tal-molluski	Għadd ta' kampjuni	Għadd ta' spezzjonijiet kliniċi	Temperatura tal-ilma waqt it-teħid tal-kampjuni/spezzjoni	Speċi waqt it-teħid tal-kampjuni	Speċi li ttieħed kampjun tagħha	Għadd ta' annimali fil-kampjun (total u skont l-ispeċi)	Għadd ta' testijiet
					Total		

(*) Stat Membru, żona jew kompartiment kif iddefiniti fil-Punt 7 tal-Anness VI.

10.2. *Miri fuq l-impriżi jew iż-żoni tat-tkabbir tal-ittestjar*

Marda		Sena								
								Indikaturi fil-mira		
Stat Membru, żona jew kompartiment [1]	L-għadd totali ta' impriżi jew postijiet tat-tkabbir tal-molluski [2]	Għadd totali ta' impriżi jew postijiet tat-tkabbir tal-molluski fil-programm	L-għadd tal-impriżi jew tal-postijiet tat-tkabbir tal-molluski mistennija li jkunu verifikati [3]	L-għadd tal-impriżi jew tal-postijiet tat-tkabbir tal-molluski mistennija li jkunu pożittivi [4]	L-għadd tal-impriżi jew tal-postijiet tat-tkabbir tal-molluski ġodda mistennija li jkunu pożittivi [5]	L-għadd tal-impriżi jew tal-postijiet tat-tkabbir tal-molluski mistennija li jiġu depopolati	% tal-impriżi jew tal-postijiet tat-tkabbir tal-molluski pożittivi mistennija li jiġu depopolati	% mistenni tal-kopertura tal-impriżi jew tal-postijiet tat-tkabbir tal-molluski	% tal-impriżi jew tal-postijiet tat-tkabbir tal-molluski pożittivi Prevalenza perjodika mistennija tal-impriżi jew tal-postijiet tat-tkabbir tal-molluski	% tal-impriżi jew tal-postijiet tat-tkabbir ta' molluski ġodda pożittivi Inċidenza mistennija tal-impriżi jew tal-postijiet tat-tkabbir tal-molluski
1	2	3	4	5	6	7	8 = (7/5) × 100	9 = (4/3) × 100	10 = (5/4) × 100	11 = (6/4) × 100
Total										

([1]) Stat Membru, żona jew kompartiment kif iddefiniti fil-Punt 7 tal-Anness VI.

([2]) L-għadd totali ta' impriżi jew postijiet tat-tkabbir tal-molluski eżistenti fl-Istat Membru, żona jew kompartiment kif iddefinit fil-Punt 7 tal-Anness VI.

([3]) Verifika tfisser li jsir test fil-livell tal-impriża/żona tat-tkabbir tal-molluski fil-programm għall-marda rispettiva bil-għan li jiġi aġġornat l-istatus tas-saħħa tal-impriża/żona tat-tkabbir tal-molluski. F'din il-kolonna impriża/żona tat-tkabbir tal-molluski m'għandhiex tingħadd darbtejn anki jekk tkun ġiet iċċekkjata aktar minn darba.

([4]) L-impriżi jew iż-żoni tat-tkabbir tal-molluski li jkollhom tal-anqas annimal wieħed pożittiv matul il-perjodu indipendentement min-numru ta' drabi li jkunu ġew ivverifikati l-impriżi jew iż-żoni tat-tkabbir tal-molluski.

([5]) Impriżi jew żoni tat-tkabbir tal-molluski li l-istatus tas-saħħa tagħhom fil-perjodu ta' qabel kien, skont il-Parti A tal-Anness III tad-Direttiva 2006/88/KE, il-kategorija I, il-kategorija II, il-kategorija III jew il-kategorija IV u li jkollhom talanqas annimal wieħed pożittiv f'dan il-perjodu.

11. **Analiżi dettaljata tal-ispiża tal-programm (tabella waħda għal kull sena ta' implimentazzjoni)**

Spejjeż marbuta ma'		Specifikazzjoni	Għadd ta' unitajiet	Spiża unitarja f'EUR	Ammont totali f'EUR	Finanzjament tal-Unjoni mitlub (iva/le)
1.	**Ittestjar**					
1.1.	Spiża tal-analiżi	Test:				
		Test:				
		Test:				
1.2.	Spiża tat-teħid tal-kampjuni					
1.3.	Spejjeż oħra					
2.	**Tilqim jew trattament**					
2.1.	Xiri tal-vaċċin/tat-trattament					
2.2.	Spejjeż tad-distribuzzjoni					
2.3.	Spejjeż tal-amministrazzjoni					
2.4.	Spejjeż tal-kontroll					
3.	**Tneħħija u rimi tal-annimali tal-akkwakultura**					
3.1.	Kumpens tal-annimali					
3.2.	Spejjeż tat-trasport					
3.3.	Spejjeż tar-rimi					
3.4.	Telf fil-każ tat-tneħħija					
3.5.	Spejjeż mit-trattament tal-prodotti					

Spejjeż marbuta ma'		Specifikazzjoni	Għadd ta' unitajiet	Spiża unitarja f'EUR	Ammont totali f'EUR	Finanzjament tal-Unjoni mitlub (iva/le)
4.	**Tindif u diżinfezzjoni**					
5.	**Salarji (persunal fuq kuntratt għall-programm biss)**					
6.	**Oġġetti ta' konsum u tagħmir speċifiku**					
7.	**Spejjeż oħra**					
				Total		